# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-12-il laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**12.01 Talba**

12.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**12.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

12.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**12.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat numri 10 u 11**

12.03.01 Il-Minuti tal-laqgħat numri 10 u 11 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Sciberras ppropona u l-Viċi Sindku issekonda.

**12.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.04.01 Is-Sindku infurmat li l-*gate* fl-entratura tal-Ġnien tal-Mentna ġiet installata, filwaqt li l-manutenzjoni fuq il-funtana tlestiet ukoll. Is-Sindku talbet lill-Viċi Sindku jagħti spjega dettaljata tax-xogħol li sar, fejn huwa informa li issa għandna sistema li permezz ta' bozza fuq barra li tixgħel aħmar ikollna ndikazzjoni li naqas l-ilma mill-ġiebja u li jkun hemm bżonn timtela permezz tal-*bowser* tal-ilma. Hemm ukoll sistema awtomatika li tħaddem il-pompa tal-funtana f'ħinijiet differenti, kif ukoll sistema oħra biex x'ħin jonqos l-ilma tal-funtana jiġi ttoppjat awtomatikament. F'każ li jmur id-dawl, hemm *battery pack*. Is-Sindku rringrazzjat lil Viċi Sindku tal-informazzjoni u kompliet li l-Kunsill se jiġi rimbursat għal dawn l-ispejjeż mill-iskema li applikajna għaliha. Is-Sindku qalet ukoll li *Project Green* qed jagħmlu *hedge* mad-dawra tal-ġnien, senza interessi, sabiex nirregolaw is-sigurtà li ġibdulna l-attenzjoni dwarha fir-rapport tal-*MCCAA*. Hemm bżonn li jsir *addendum* fil-kuntratt tal-*Parks & Gardens* biex jieħu ħsieb l-imsemmi *hedge* (*upkeep*) u mill-ġimgħa d-dieħla ser jitqabbad l-*irrigation*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.04.02 Is-Sindku infurmat li min-nhar it-23 ta' Marzu 2025, il-venda tal-linja se tibda topera minn Triq il-Qrendi, filwaqt li minn fuq il-*bus stop* ta' Triq Karmenu Ciantar se jibqa' jingħata l-istess servizz bid-differenza li t-trasport pubbliku mhux se jibqa' jipparkja u jistenna sal-ħin tat-tluq tar-rotta. Hija żiedet li l-ewwel rotta biss, u *cioè* dik tal-5am, se tkun qed titlaq minn fuq l-*istage* ta' Triq Karmenu Ciantar *via Mater Dei*. Is-Sindku infurmat li se tkun

qed tagħmel filmat qasir li jispjega dan kollu għall-benefiċċju ta' dawk kollha li jagħmlu użu mit-trasport pubbliku.

12.04.03 Wara talba lil TM mir-Reġjun Punent biex issir laqgħa mas-Sindki tal-lokalitajiet fi ħdan l-istess Reġjun, is-Sindku flimkien mas-Sindki l-oħra, attendew għal din il-laqgħa. IM ma setgħetx tkun preżenti, u għaldaqstant is-*CEO* ta' TM wassal il-kummenti diskussi waqt il-laqgħa, lill-IM f'isem is-Sindki. Is-Sindku infurmat li hija semmiet is-sitwazzjonijiet li għandna fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn diversi talbiet mill-kunsill, rigward miżuri tat-traffiku ma ntlaqgħux minn TM. Hija kompliet li semmiet anke r-rapport tekniku li l-Kunsill qed jistenna mingħand il-kumpanija ADI sabiex jiġi mgħoddi lill-istess TM u IM. Rigward l-imsemmi rapport tekniku, is-Sindku infurmat li dan għadu ma bedix jinħadem għaliex IM għadha ma pprovditx il-pjanti meħtieġa. Waqt il-laqgħa ma' TM, is-Sindku ressqet ukoll talba sabiex Triq tas-Sejba ssir triq arterjali. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.04.04 Is-Sindku infurmat li mill-uffiċċju intbgħatet korrispondenza lill-ERA, fejn ġiet ikkupjata wkoll il-Ministru Dalli, dwar il-problema kontinwa tat-trabijiet fi Triq tas-Sejba. Hija kompliet li qed tittama li jsir iktar infurzar min-naħa tal-ERA. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.04.05 Is-Sindku infurmat li qeda f'kuntatt ma' IM rigward l-espropju fi Triq Ġanni Darmanin, triq li ilha snin biex tinfetaħ. Hija infurmat li IM hija l-entità li trid tagħmel it-talba lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar dan l-espropju. Is-Sindku involviet lill-Ministru Zrinzo Azzopardi li taħtu jaqa' d-Dipartiment tal-Artijiet, kif ukoll lis-*CEO* tal-istess dipartiment. Il-Kunsill Lokali huwa limitat x'jista' jagħmel iktar, għajr li jkompli jagħmel pressjoni mal-entità responsabbli. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.04.06 Rigward iż-*zebra crossing* fi Triq tas-Sejba, is-Sindku infurmat li x-xogħol mexa sew mill-kuntrattur tal-*Public Works,* fejn bħalissa jinsabu weqfin għaliex qed jistennew lill-KOPTASIN jirċievi *parts* tal-*belisha lights.* Is-Sindku kompliet li s-siġra taż-żebbuġ li kienet f'waħda mill-konok fit-triq u fejn issa saret il-bankina, tneħħiet mill-post u tħawwlet fil-Ġnien M'Ang Sapiano, bil-permessi meħtieġa tal-*ERA*. Waħda mir-residenti biswit il-ġnien tinsab inkwetata li l-imsemmija siġra tista' terġa' tagħmel ħsara fil-bini bl-għeruq tagħha, kif kien sar fil-passat b'siġar oħrajn. Is-Sindku qalet li se nkunu qed naraw mal-Perit tal-*Public Works* u mal-*ERA* jekk din is-siġra għandhix tibqa' fil-ġnien imsemmi jew jekk għandux jinstabilha post alternattiv. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.04.07 Is-Sindku infurmat li ġiet installata l-lampa tat-triq ma' arblu tad-dawl eżistenti fi Triq Baskal Xuereb, kif ukoll l-lampa tat-triq fuq arblu ġdid f'Wesgħa l-Ispiżerija l-Antika. Rigward din tal-aħħar, residenta li għandha r-residenza fi Sqaq l-Isptar iżda li l-ġardina fuq wara tar-residenza tmiss ma' Wesgħa l-Ispiżerija l-Antika, oġġezzjonat għall-installazzjoni ta' din il-lampa, għar-raġuni li hi qed tgħid li bl-arblu ma tistax twaqqa' u tibni mill-ġdid l-ħajt tal-ġardina li jinsab fi stat ħażin ħafna filwaqt li qed tibża' li xi ħadd jitta' mal-arblu u jidħol fil-propjetà tagħha. Il-Kunsillieri preżenti qablu li l-lampa għandha tibqa' fejn hi, u f'każ li jkun hemm xi problemi meta r-residenta tasal biex tibni l-ħajt, naraw minn hemm. Ġie suġġerit ukoll li mal-arblu tista' ssir gradilja bil-ponot biex ma jkunx hemm lok għal abbuż li xi ħadd jista' jitla' mal-arblu b'riskju li jkun hemm aċċess għall-ġardina msemmija. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.04.08 Is-Sindku infurmat li mill-uffiċċju infurmajna lill-avukat tal-Kunsill, sabiex seta' jikteb lil TM biex tavża lill-kuntrattur li għalaq it-trinka tad-*drainage house connection* fi Triq il-Qattara, li kienet ilha xhur mingħajr *reinstatmenet*,. Il-kuntrattur qed intalab jirranġa x-xogħol li għamel għaliex kif sar, hemm riskju li se jinqala' kollox f'qasir żmien. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.04.09 Is-Sindku fakkret li l-Attività Kulturali "Stilel Taħt il-Kampnar" se tkun qed tittella' nhar it-3 ta' Mejju 2025, kif maqbul. F'laqgħa li kellha mal-*orgnaizer*, l-attività ser tittella' bl-istess mod kif kienet pjanata li ssir f'Ottubru 2024. Hija kompliet li l-*Press Call* fejn ser tiġi mħabbra l-attività għandha ssir fil-bidu t'April 2025, u ser iżżomm lill-Kunsill infurmat bid-data eżatt appena jkollha l-konferma tal-Ministru. Rigward kantanti, hemm il-ħsieb li jiżdiedu Fabrizio Faniello flimkien ma' Jessika Muscat u mal-Imqabbi Victorio Gauci bil-kanzunetta "*Festa (No Time for Siesta)*" li pparteċipaw biha fl-aħħar *Eurovision*. Is-Sindku qalet ukoll li ser inkunu qed infakkru lill-każini rigward l-armar tal-bar fl-attività, filwaqt li ser ikun qed isir ir-reklamar tal-attività permess tar-*radio, billboard, banners* u *flyers*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.04.10 Is-Sindku infurmat li l-proposti tal-Każini dwar l-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa – '*La Semana Santa*' u '*Ecce Mater Tua*', ġew milqugħa mir-Reġjun Punent u se jkun qed jikkollabora magħhom, fejn ser jingħataw EUR 1,000 kull wieħed. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.04.11 Is-Sindku infurmat li f'isem il-Kunsill ser tkun qed torganizza żewġ attivitajiet soċjali, fejn waħda se tkun Ħarġa Kulturali u *Coffee Morning* ġewwa l-*Limestone Heritage* is-Siġġiewi li se ssir nhar il-15 ta' April 2025, filwaqt li l-*Afternoon Tea* fl-Iskola Primarja se jsir nhar l-4 ta' Mejju 2025. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**12.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

12.05.01 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-vakanza għall-post li hemm bżonn jimtela' mill-ġdid wara r-reżenja ta' Ms M. Ellul. Is-Sindku u s-S.E. taw spjega dwar il-proċess li hemm għaddej peress li l-vakanza trid toħroġ skond il-Ftehim Kollettiv il-ġdid tal-ħaddiema klerikali li għadu kemm ġie iffirmat fl-aħħar ta' Jannar 2025, fejn sar bdil fit-titli u anke fl-iskali. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan filwaqt li reġgħu qablu li l-vakanza għandha toħroġ għal impjieg ekwivalenti għal dak li kellna, u *cioè* għal *Assistant Principal* fi Skala 11. Kien hemm qbil ukoll li Ms M. Ellul għandha titneħħa minn fuq il-*WhatsApp Group Chat*, ladarba m'għadhix impjegata tal-Kunsill.

12.05.02 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk is-*CCTV Cameras* li ġew installati permezz tar-Reġjun, fosthom dik fil-Pjazza tal-Knisja, hux qed jiffunzjonaw. Is-Sindku spjegat li l-*cameras* installati fil-lokalitajiet li jaqgħu taħt ir-Reġjun ser jibdew joperaw kollha flimkien, u li s'issa dan għadu ma sarx. Hija kompliet li mil-LESA se jkun qed isir moniteraġġ dwar il-parkeġġ illegali u mhux dwar is-sewqan eċċessiv, filwaqt li rigward *littering* ser ikunu jistgħu jiġu mħarrka dawk li jidhru jarmu b'vettura, altrimenti s-Sindku jew is-S.E. jkunu jridu jixhdu/jikkonfermaw dwar l-identità tal-persuna li tiġi tidher twettaq ir-reat. Is-S.E. infurmat ukoll li s-sistema tal-imsemmija *cameras* qed tiġi nstallata fil-Kunsilli Lokali wkoll fejn se jkollhom aċċess għall-filmati *live*, u li bħalissa għadhom qed isiru testijiet fuqhom. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk hux possibbli li ninfurmaw lill-uffiċjal il-ġdid tal-*Community Police*, dwar is-sewqan eċċessiv li qed ikun hemm fi Triq Santa Marija fejn hemm il-mużew tas-subien u biex isir iktar *patrol* fl-imsemmija triq. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk kellnix rispons mingħand il-Kuntrattur *Rockcut* rigward ir-*reinstatement* li ma kienx wettaq fuq it-trinka fi Triq tas-Sejba viċin Triq il-Parroċċa wara li kien għamel xi xogħlijiet fit-triq. Is-S.E. qaltlu li s'issa għad m'għandnix risposta u li se tibqa' ssegwi l-każ. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.05.05 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar ir-*road markings* u l-*crash barrier* li kellhom isiru fi Triq tas-Sejba. Is-S.E. infurmatu li KOPTASIN qed jistenna l-*clearance* dwar ir-*Road Work Permit* biex ikun jista' jinstalla il-*crash barrier*, filwaqt li ir-*road markings* se jkunu qed isiru flimkien maż-*zebra crossing* li qed tiġi nstallata fl-istess triq. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.05.06 Il-Kunsillier Sciberras talab informazzjoni dwar ix-xogħol li qed isir fil-Pjazza mill-ħaddiema tal-*Public Works*. Is-Sindku infurmat li fil-Pjazza qed isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-fili fejn qiegħed jinbidel il-*grouting*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk it-trinka li saret minn IM fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija hux ser tibqa' miksija bil-konkos. Is-Sindku qalet li suppost l-imsemmija trinka li saret b'relazzjoni max-xogħol minn IM fi Triq Baskal Xuereb, għandha tinkesa bl-asfalt. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

12.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar mill-problema tal-pavimentar fi Sqaq l-Isptar k.m Triq M'Ang Sapiano. Is-Sindku infurmat li apparti l-problema fis-sit imsemmi, hemm problema oħra fid-drenaġġ iktar 'l isfel fl-imsemmi sqaq. Għaldaqstant importanti li noqgħodu attenti li mhux sempliċiment jinbidlu l-livelli tal-pavimentar u jsir *culvert* mill-ġdid li jferra lejn in-naħa t'isfel tal-isqaq kif kien suġġerit mil-Perit. Is-Sindku hi tal-fehma li aħjar nistennew ftit u idealment jinqala' u jsir mill-ġdid il-pavimentar kollu. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

12.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-Kunsill hux qed jiġi kkonsultat minn qabel ma jsiru t-tnedijiet tal-proġetti mill-Gvern Ċentrali. Dan sabiex meta r-residenti jitolbu l-informazzjoni lill-Kunsill, ikun jista' jwieġeb. Fil-każ tal-Ġnien ta' fuq il-Ġibjun, is-Sindku infurmat li fir-residenzi tqassmu l-*flyers* dwar il-proġett, però minkejja dan xorta jistgħu jintalbu l-pjanti lill-*Public Works*. Is-Sindku kompliet billi tat iktar dettalji dwar kif se jkun imqassam il-ġnien u rigward il-parkeġġ, hija kkonfermat li l-ispazju biswit il-*gate* tal-ġibjun li hija tal-*Lands* ser tinbidel f'madwar 20 parkeġġ ġdid. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.05.10 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar id-dawl tat-triq ġdid f'Xagħri l-Imqalleb min-naħa tas-Sejba. Is-S.E. infurmatu li fit-triq hemm ordnat l-installazzjoni ta' żewġ lampi tat-triq, fejn waħda minnhom diġà weħlet u l-oħra għandha tiġi nstallata dalwaqt. Appena jkunu t-tnejn installati, jiġu sottomessi l-*STL forms* tagħhom sabiex jitqabbdu mill-Korporazzoni Enemalta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**12.06 Aġġornament Restawr tal-Isptar il-Qadim**

12.06.01 Is-Sindku infurmat li ix-xogħol ta' restawr fl-Isptar il-Qadim mixi sew, fejn bħalissa qed jinfetħu l-fili fuq in-naħa ta' barra sabiex jimtlew bil-*hydraulic lime*. Qed jinbidel ukoll il-ġebel li skont l-*SCH*, li ġew fuq il-post, immarkawhom sabiex jinbidlu. Is-Sindku kompliet billi infurmat li mill-uffiċċju ntbagħtu t-talbiet għall-istimi għal xogħol li mhux parti mit-tender, iżda li kien hemm qbil li xorta għandu jsir, fosthom il-fili fuq ġewwa tal-binja, u l-manutenzjoni tat-travi. Is-S.E. infurmat li appena tirċievi l-istimi mingħand mill-inqas tliet kuntratturi, peress li s'issa rċevejna mingħand tnejn biss, tkun tista' tiġbor l-informazzjoni kollha biex tiċċirkulaha mal-Kunsillieri biex ikun jista' jsir *comparison*. Il-Kusillieri ħadu nota ta' dan.

**12.07** **Mozzjoni: *"Nindirizzaw il-problema tal-parkeġġ billi niżviluppaw taħt Ġnien Onġi Onġella f'Misraħ il-Fidwa"***

12.07.01 Is-Sindku qrat it-titlu tal-Mozzjoni mill-Kunsillier Galea. Il-Viċi Sindku staqsa lis-S.E. jekk għandhix il-kopja oriġinali tal-Mozzjoni ffirmata, fejn is-S.E. infurmat li dik li hi ippreżentat hija kopja tal-Mozzjoni li l-Kunsillier Galea bagħat b'*email*. Is-Sindku kompliet billi qalet li peress li l-Mozzjoni mhix iffirmata imqar mill-proponent, ma tistax taċċettaha. Il-Kunsillier Galea insista li ladarba l-Mozzjoni bgħatha permezz ta' *email*, din hija waħda valida għaliex *email* hija dokument uffiċjali. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Galea sabiex jerġa' jressaq il-Mozzjoni ffirmata għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa. Il-Kunsillieri preżenti iddiskutew fit-tul dwar dan, filwaqt li l-Mozzjoni tal-Kunsillier Galea ma ġietx milqugħa.

**12.08** **Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

12.08.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, ġiet diskussa l-applikazzjoni PA/01738/25 - *Plot D, Undeveloped site, Triq Xandru Farrugia & un-named pedestrian access off, Triq Xandru Farrugia, Mqabba - To excavate and construct basement consisting in 7 garages accessible from adjacent block, 2 maisonettes and 1 apartment at ground floor plus overlying 9 apartments at first, second and third floor (3 per floor)*. Il-Kunsillieri qablu unanimament li bħala Kunsill għandha ssir oġġezzjoni peress li s-sit indikat jinsab f'*ODZ*. Il-Kunsillieri komplew jiddiskutu fit-tul din l-applikazzjoni fejn urew ukoll il-ħsieb li jaf in-nar tal-festi jista' jiġi affettwat ukoll. Għaldaqstant huma qablu li qabel tintbagħat l-oġġezzjoni, li trid tasal għand l-Awtorità tal-Ippjanar sal-24 ta' April 2025, il-Kunsill għandu jiddiskuti din l-applikazzjoni mal-Każini sabiex jekk inhu l-każ, iressqu l-oġġezzjoni tagħhom ukoll lill-*PA*. Il-laqgħa mal-każini ġiet skedata għal nhar is-17 ta' Marzu 2025 fis-6pm.

**12.09** **Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

12.09.01 Is-S.E. ppreżentat il-qisien, li ttieħdu mill-ħaddiema tal-Kunsill, tar-*road markings* fil-kantunieri ta' Triq in-Nazzarenu ma' Triq Dun Geraldu Mangion, ma' Triq Dun Anġ Mallia, u ma' Triq Mikiel Zammit, li kienu saru wara li ingħata t-*tarmac* riċentement minn IM. Is-Sindku ssuġġeriet li nibagħtu nitolbu lil TM jekk l-imsemmija sinjali tat-triq humiex korretti, peress li hemm minnhom li huma itwal minn 5 metri kif tippermetti l-liġi. Il-Kunsillieri qablu u ħadu nota ta' dan.

12.09.02 Is-S.E. infurmat li residenti minn Triq il-Friefet kellmuna dwar problemi ta' aċċess fil-*garages* kif ukoll dwar problemi b'vetturi li qed jipparkjaw bl-*exhaust pipe* lejn il-bibien

tal-appartamenti. Wieħed mir-residenti, ħalla fl-uffiċċju *draft* bis-suġġerimenti kif jistgħu isiru aħjar il-marki tat-triq biex jitnaqqsu l-problemi. Il-Kunsillieri iddiskutew fit-tul dwar dan, fejn fl-aħħar qablu li għandna ninfurmaw lit-tali resident, li min-naħa tal-Kunsill nistgħu nitolbu direzzjoni lil TM, iżda li jaf dak li se jiġi propost minn TM, xorta ma jkunx kif qed jiġi suġġeriet. Jekk ikun hemm qbil, bħala Kunsill, nibgħatu lil TM.

12.09.03 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar skema SPI/SCI/08/2025 - Espressjoni ta' Interess – Tagħna Tfal Skema Ulied il-Kunsilliera - Għajnuna Finanzjarja għal Servizzi ta' Kura tat-Tfal (*Childminding*). Is-Sindku spjegat fil-qasir dwar din l-iskema, li hija inizjattiva verament tajba, iżda li fil-każ tal-Kunsill tagħna, din ma tapplikax. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.09.04 Korrispondenza mingħand residenta fi Triq Mons Alfons Caruana dwar problema biex taċċessa l-*garage* tagħha bil-vetturi pparkjati faċċata, fil-*parking bays* li kienu saru wara li kien ingħata t-*tarmac* fl-imsemmija triq. Is-Sindku infurmat li dan il-każ kien diġà ġie diskuss fil-Leġislatura preċedenti, fejn qalet ukoll li rappreżentanti minn TM li marru fuq il-post, kienu qalulha li l-marki t-triq, inkluż il-*parking bays*, qegħdin kollha *in regola*, skond il-wisgħa tat-triq, u kif tippermetti l-liġi. Il-Kunsillieri ddiskutew u qablu li għandu jibqa' kollox kif inhu. Min-naħa l-oħra jekk ikun hemm parkeġġ illegali li jkun qed jostakola l-aċċess tal-*garage* imsemmi, dak ikun każ ta' infurzar.

12.09.05 Is-S.E. infurmat li minkejja li ntbagħtu t-talbiet għal stimi għal *water tight holders* (għall-festuni tal-Milied), ma rċivejna l-ebda stima, apparti li fost is-*suppliers* kien hemm min infurmana li ma jkollhomx minnhom. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar dan u qablu li jekk insibu minnhom *online*, nordnawhom u nixtruhom minn barra, ladarba minn Malta ma nqdejnix.

12.09.06 Korrispondenza minn TM dwar il-*Communal Reserved Bay for Blue Badge Holders* fi Triq is-Saljatura, fejn dawn weġbuna li filwaqt li se jkunu qed jinstallaw it-tabella tat-triq li tindika x'tip ta' *parking bay* hi, ir-rinfriskar tal-*parking bay* mhux se jsir għaliex hija viżibbli biżżejjed. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

12.09.07 Korrispondenza mingħand il-Pulizija rigward il-*fence* tal-ħadid misruq minn Triq Valletta, L-Imqabba. Is-Sindku infurmat li waqt il-laqgħa li kellha ma' TM, irreferiet għal korrispondenza li kien hemm ma' IM fejn infurmawna li ladarba l-*fence* insteraq, IM mhux lesta li terġa' tagħmlu mill-ġdid. Min-naħa l-oħra l-pulizija qed jitolbuna dettalji dwar min serqu u fi x'ħin, iżda aħna m'għandnix dawn id-dettalji. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**12.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

12.10.01 Il-Viċi Sindku ressaq ilment f'isem xi residenti dwar it-*tarmac* ta' Triq l-Imterrqa li qed jinqala' u jiġi żrar. Is-Sindku qalet li nistgħu inżidu din it-triq mal-lista li talbuna IM dwar toroq li hemm bżonn li jsiru. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

12.10.02 Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment f'isem xi residenti biex isir *double yellow line* quddiem il-bieb prinċipali ta' blokka fi Triq il-Friefet. Is-Sindku qalet li jekk se jsir id-*double yellow line* se jkun qed jonqos iktar l-ispazju għall-parkeġġ. Apparti minn hekk, biex dawn isiru, trid issir talba lil TM, u ladarba se nkunu qed nibagħtu lil TM biex tiggwidana kif jistgħu jissolvew is-sitwazzjonijiet tat-traffiku fl-istess triq, din se tkun qed tiġi ndirizzata wkoll. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


12.10.03 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-*humps* għal ġol-*parking bays* fi Triq Mons Alfons Caruana, li kien talab f'waħda mil-laqgħat u li kien hemm qbil li jsiru. Is-S.E. qaltlu li ser tiċċekkja biex tara jekk kienux bagħtulna stimi dwarhom. Is-Sindku kompliet li minħabba l-każ li għadu kemm ġie diskuss f'din il-laqgħa dwar nuqqas ta' aċċess ta' *garage* f'din iż-żona, irridu naraw li b'dawn il-*humps* ma joħorġux il-vetturi iktar 'l barra. Is-Sindku kompliet li min-naħa tagħha qed tagħmel pressjoni sabiex wara l-festi tar-raħal, issir it-triq ladarba issa tneħħiet il-kamra li kien hemm fin-nofs. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

12.10.04 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk l-Aġenda mqassma hix dokument uffiċjali fejn is-S.E. wieġbet fl-affermattiv. Il-Kunsillier Galea, talab li allura din trid tkun iffirmata wkoll, bl-istess mod li kellha tkun iffirmata l-Mozzjoni li huwa ppropona u li ma ġietx milqugħa għax ma kienetx iffirmata. Is-S.E. qalet li l-istess Aġenda li hi tiċċirkola, titla' wkoll *online* u propju għalhekk ma jkunx fiha firma. Madanakollu, se tiċċekkja biex tikkonferma dwar dan. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

12.10.05 Il-Kunsillier Galea ressaq ilment dwar l-istat ħażin ta' Triq Ħal Farruġ li parti minnha taqa' fil-konfini tal-Imqabba. Is-Sindku infurmatu li mill-informazzjoni li rat fuq FB, is-Segretarju Parlamentari O. Farrugia ikkummenta li x-xogħol f'din it-triq huwa skedat li jsir fil-viċin. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.10.06 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u xi wieħed mill-Faċilitajiet Sportivi fil-viċinanzi tal-Imqabba (bħal eżempju *Kirkop Sports Complex*), ir-residenti nteressati, jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dawn il-faċilitajiet, fosthom l-użu tal-*pools*. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Sciberras jindaga ftit x'hemm bżonn eżatt, sabiex tkun tista' tiġi ssettjata laqgħa mal-faċilità konċernata jew mal-Ministru. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

12.10.07 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment rigward siġra kbira ħafna fi Triq Baskal Xuereb li hija ta' inkonvenjent għar-residenti għaliex kontinwament twaqqa' kwantità kira ta' weraq. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Ghigo jibgħat ritratt tas-siġra lis-S.E. sabiex tibgħat lill-ERA dwar jekk is-siġra hix waħda protetta u jekk tistax tinqala' minn fejn hi. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

12.10.08 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment dwar id-dawl tat-triq fi Sqaq Numru 2 fi Triq Valletta. Is-Sindku infurmat li hija tkellmet mal-Ministru Dalli dwar l-imsemmi dawl tat-triq li kien ġie nstallat b'mod privat, iżda li qatt ma ġie mqabbad. Il-Ministru qed tistenna risposta mill-Korporazzjoni Enemalta jekk jistgħux iqabbdu dan id-dawl tat-triq min-naħa tagħhom. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**12.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/12**

12.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/12 ġiet approvata unanimament minbarra items 21, 23 u 24 fejn il-Kunsillieri preżenti qablu li t-tlett kontijiet tal-ARMS għandhom jiġu reveduti peress li l-meters ma kienux moqrija.

**12.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.12.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:05 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 28 ta' April 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 28 ta' April 2025.

IFFIRMATI

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

IFFIRMATI

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**